MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 48/2010

Karmenu **MIFSUD**

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU**, l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi, l-Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, il-Kontrollur tad-Dwana u l-Avukat Ġenerali, għal kull interess li jista' jkollu; u b'degriet tal-10 ta' Novembru, 2010, issejħet fil-kawża l-Awtorita' tat-Trasport f'Malta

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Lulju, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li l-Qorti (i) ssib

li huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin bl-artikoli 14 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”), u l-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa l-“Kostituzzjoni”) meta huwa tħalla barra mill-benefiċċji ta’ ftehim li kien sar ma’ ħaddieħor dwar għoti ta’ kumpens bi tħejjija għal-liberalizżazzjoni tas-suq dwar is-servizz ta’ ġarr ta’ mejtin; u (ii) li tagħtih kull rimedju xieraq kontra dan il-ksur;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ Awissu, 2010, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-4 ta’ Novembru, 2010;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fis-26 ta’ Awissu, 2010, li biha laqgħu għat-talbiet tar-rikorrent billi, b’mod preliminari, qalu li l-intimati Prim Ministru u Avukat Ġenerali ma kenux il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni tar-rikorrent għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u talbu li jinħelsu milli jibqgħu iżjed fil-kawża; li safejn l-azzjoni tar-rikorrent tinbena fuq id-dewmien meħud biex inħarġu l-liċenzi u saret ir-reġistrazzjoni tal-karrijiet vetturi, l-Qorti jmissha tieqaf milli tqis l-ilmenti, ladarba għad hemm pendenti kawża li r-rikorrent fetaħ kontra l-Awtorita’ kompetenti[1] u din għadha qiegħda tinstama’[2]; u li l-ġudizzju ma kienx sħiħ billi qiegħda tattakka s-siwi u l-legalita’ ta’ ftehim li sar bejn persuni li m’humiex fil-kawża. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li r-rikorrent tassew ġarrab ksur ta’ xi jedd fundamentali tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta’ Novembru, 2010[3], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrent b’rikors tiegħu tat-8 ta’ Novembru, 2010, ordnat is-sejha fil-kawża tal-Awtorita’ għat-Trasport f’Malta;

---

[1] Rik. Nru. 1001/09AL (maqtugħa *in parte* fit-30.3.2012 u appellata)

[2] L-intimati rtiraw din l-eċċezzjoni preliminari waqt is-smigħ tad-29.11.2010, paġ. 28 tal-proċess

[3] Paġ. 17 tal-proċess

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' msejħa fil-kawża fl-24 ta' Novembru, 2010, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ċaħdet li r-rikorrent kien tassew ġarrab ksur ta' xi jedd fundamentali kif minnu allegat. B'mod preliminari, laqgħet billi qalet li r-rikorrenti ma setax iressaq kawża bħal din għaliex sata' jinqeda b'rimedji ordinarji u kien, fil-fatt, diġa fetħilha kawża dwar id-dewmien li ttieħed biex inħarġitlu l-liċenza ta' karrijiet tal-ġarr li huwa kien ġab f'Malta u, f'kull każ, dwar dawk il-proċeduri tal-ħruġ tal-liċenza, r-rikorrent ma kienx ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu dwar it-tgawdija bil-kwiet ta' ġidu u lanqas ġarrab diskriminazzjoni[4];

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur tar-rikorrent waqt is-smigħ tal-25 ta' Novembru, 2010, li biha ċċara li l-pretensjonijiet tal-patroċinat tiegħu kienu jinbnew fuq dak imsemmi fil-ħames u s-sitt premessi tar-rikors promotur, u mhux fuq il-pretensjonijiet li dwarhom kien fetaħ il-kawża kontra l-Awtorita' msejħa fil-kawża;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Mejju, 2012[5], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar il-każ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fis-6 ta' Lulju, 2012[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorita' msejħa fil-kawża fit-18 ta' Settembru, 2012[7], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fit-28 ta' Settembru, 2012[8], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[4] L-imsejħa fil-kawża rtirat dawn l-eċċezzjonijiet preliminari fil-25.11.2010, paġ. 27 tal-proċess
[5] Paġ. 97 tal-proċess
[6] Paġġ. 99 sa 130 tal-proċess
[7] Paġġ. 132 sa 142 tal-proċess
[8] Paġġ. 143 sa 154 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni r-rikorrent qiegħed jilminta li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu li jitħalla jgawdi ħwejġu bil-kwiet u li ma jitteħidlux il-pussess tagħhom bla kumpens xieraq, u kif ukoll li ma ssirx diskriminazzjoni miegħu. Il-qofol tal-imsemmi lment jinsab fil-fatt li huwa daħħal f'Malta xi karrijiet tal-ġarr tal-mejtin ("*hearses*") li tagħhom intalab iħallas taxxa ta' reġistrazzjoni. Jilminta wkoll mill-fatt li huwa tħalla barra minn ftehim li sar bejn l-Awtorita', l-Gvern u Assoċjazzjoni tas-sidien tal-"*hearses*" f'Lulju tal-2008. Irid li l-Qorti ssib li dawn il-fatti wasslu biex ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikoli 14 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u kif ukoll tal-artikolu 37 u 45 tal-Kostituzzjoni;

Illi, għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu kemm b'eċċezzjonijiet preliminari u wkoll fil-mertu billi ċaħdu li huma mxew b'mod li jikser xi jedd fundamentali tiegħu jew li l-ġrajja li seħħew ġabulu xi ksur bħal dak;

Illi l-Awtorita' msejħa fil-kawża wkoll warrbet l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u qalet li dak kollu li sar la ċaħħad lir-rikorrent mit-tgawdija ta' ħwejġu u lanqas sar b'mod diskriminatorju;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrent imexxi negozju ta' servizzi funebri. Missieru u ħuh ieħor ukoll imexxu negozju bħal dak[9]. Għal xi żmien, ir-rikorrent kellu reġistrati fuq ismu żewġ karrijiet għall-ġarr tal-mejtin ("*hearses*") iżda fl-1988 kien biegħhom lil ħaddieħor[10]. Sa dak iż-żmien, huwa kien imsieħeb fl-Assoċjazzjoni magħrufa bħala "*Malta Hearses Association*"). F'dak iż-żmien u sa minn bosta snin qabel, is-suq tas-sidien tal-karrijiet kien wieħed 'magħluq'

[9] Xhieda tiegħu 13.1.2011, f'paġ. 33 tal-proċess
[10] Xhieda ta' John Bray 16.5.2012, f'paġ. 94 tal-proċess

b'numru fiss ta' għaxar (10) karrijiet f'Malta u tnejn (2) f'Għawdex;

Illi wara li biegħ iż-żewġ karrijiet li kellu, r-rikorrent ma baqax aktar imsieħeb fl-Assoċjazzjoni u baqa' ma raġa' ssieħeb qatt aktar fiha;

Illi fis-sena 2002, ir-rikorrent ġab f'Malta żewġ karrijiet mill-Ġermanja. L-Awtorita' imsejħa fil-kawża (aktar 'il quddiem imsejħa "ADT") ma riditx toħroġlu liċenza u tħallih jirreġistrahom għaliex is-suq kien għadu wieħed 'magħluq'. Ir-rikorrent kien fetaħ proċeduri quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust li, għall-ewwel, kienet warrbet l-ilment tiegħu minħabba li sabet li l-Awtorita' ma kenitx "intrapriża", iżda mbagħad, wara li r-rikorrent ressaq ilment ieħor quddiemha, ordnat lill-ADT toħroġlu l-liċenzi għall-karrijiet f'Mejju tal-2004;

Illi bejn l-2005 u l-2007, ir-rikorrent ġab erba' (4) karrijiet oħrajn f'Malta. Billi l-karrijiet kienu ġew mill-Ġermanja, ma kienx dovut dazju fuqhom[11]. L-ewwel żewġ karrijiet inħarġitilhom il-liċenza f'Mejju tal-2006[12] (u ngħatatilhom ir-reġistrazzjoni bħala HRS011 u HRS012), wara li sa dak iż-żmien il-Gvern kien qatagħha li jeħles is-suq u ma jħallihx aktar wieħed 'magħluq'. ADT kienet talbet lir-rikorrent iħallas it-taxxa tar-reġistrazzjoni li kienet tgħodd għall-vetturi bħal dawk fuq l-ewwel żewġ vetturi li ġab fl-2006 (bir-rata ta' 48.5%)[13]. Iżda, minħabba fil-bdil tal-politika f'dan ir-rigward, it-tieni żewġ karrijiet ma ntalab iħallas dwarhom l-ebda taxxa bħal dik;

Illi f'Marzu tal-2008[14], r-rikorrent qabbad avukat biex jikteb lill-Ministru tal-Finanzi bl-ilment talli huwa kien intalab iħallas "dazju" fuq is-sitt karrijiet li kien ġab f'Malta filwaqt li ħaddieħor ma kienx intalab jagħmel dan. L-ittra kienet imwieġba mill-President tal-Bord dwar l-Għajnuna tal-Istat jiem wara u b'talba li r-rikorrent iressaq id-dokumenti hemm mitluba[15]. F'Mejju tal-2008, ir-rikorrent irreġistra

[11] Xhieda ta' Frank Tartaglia 28.6.2011, f'paġ. 68 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Mario Xuereb 28.6.2011, f'paġ. 66 tal-proċess
[13] Dokti "VMP1" u "VMP2" u "IS1" u "IS2" f'paġġ. 54 – 9 u 76 – 7 tal-proċess
[14] Dok "MTD2", f'paġ. 80 tal-proċess
[15] Dok "MTD1", f'paġ. 79 tal-proċess

erba’ (4) karrijiet oħrajn f’ismu u dwar dawn ma tħallset l-ebda taxxa ta’ reġistrazzjoni, li kienet tneħħiet bis-saħħa tal-Att XXXII tal-2007;

Illi sadattant f’Lulju tal-2008, l-Assoċjazzjoni wriet li ma kenitx taqbel mal-liberalizzazzjoni tas-suq u nediet sensiela ta’ azzjonijiet li bihom, fost l-oħrajn, waqqfet l-għoti ta’ servizzi funebri tal-imsieħbin tagħha. Dak iż-żmien, u meta l-Gvern kien uffiċjalizza l-proċess tal-liberalizzazzjoni tas-suq tat-trasport pubbliku, il-qasam kollu tat-trasport pubbliku f’Malta ntlaqat minn mewġa ta’ azzjonijiet industrijali li waqqfu ħafna mit-trasport pubbliku;

Illi fil-qofol ta’ din il-qagħda, saru negozjati bejn il-Ministru konċernat (l-intimat Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni), l-ADT u l-Assoċjazzjoni. Dawn wasslu għall-ftehim milħuq bejniethom fis-16 ta’ Lulju, 2008[16], li bis-saħħa tiegħu, fost l-oħrajn, l-Assoċjazzjoni waqqfet l-azzjonijiet li ħadet, aċċettat il-ftuħ tas-suq u tħallset is-somma ta’ mitejn u tletin elf euro (€ 230,000) biex “tkun tista’ tħejji ruħha biex taffronta l-liberalizzazzjoni tas-suq tas-servizzi tal-*Hearses*”;

Illi r-rikorrent ma kienx imdaħħal f’dawk in-negozjati u lanqas ibbenefika mill-imsemmi ftehim, li minnu ibbenefikaw l-imsieħbin kollha tal-Assoċjazzjoni[17];

Illi f’Lulju tal-2010, infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta’ dritt marbutin mal-każ tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh il-parametri xierqa tal-azzjoni mressqa mir-rikorrent. Dan qiegħed jingħad kemm fid-dawl tal-kjarifika preċiża magħmula f’isem l-istess rikorrent fl-ewwel smigħ tal-kawża u kif ukoll għaliex il-Qorti trid tqis biss l-ilment fuq dak li jkun intalab u fuq dak li jkun premess minn min jagħmel il-kawża. Huwa minn ewl id-dinja, f’dan ir-rigward, li dak li tkun trid persuna li tiftaħ kawża jkun jirrifletti dak li kien tassew l-ilment jew il-pretensjoni tagħha u mhux dak li, wara, jiżżewwaq u jissebbaħ biex jinkludi pretensjonijiet li l-

[16] Dokti “KM1” u “JB1”, f’paġġ. 37 u 53 tal-proċess
[17] Xhieda ta’ John Bray 18.10.2011, f’paġ. 62 tal-proċess

istess parti attriċi qatt ma kellha f'moħħha. Il-Qorti tħoss li l-kliem li qal ir-rikorrent innifsu meta mistoqsi x'inhu l-ilment tiegħu li wasslu biex jiftaħ din il-kawża jħollu u jorbtu l-kunsiderazzjonijiet kollha li trid tagħmel din il-Qorti. Fi kliemu stess, b'riferenza għaż-żewġ karrijiet partikolari li huwa ġab f'Malta biex jaħdem bihom, hu qal li l-ilment tiegħu jikkonsisti fil-fatt "Li jiena ħallast id-dazju u sħabi ta' kontrija ħaduhom mingħajr dazju"[18]. Fuq dan il-fatt huwa jsejjes l-ilment ta' ksur taż-żewġ jeddijiet fundamentali li jsemmi fir-rikors promotur tiegħu;

Illi, madankollu, qabel ma wieħed jgħaddi biex iqis l-ilment tar-rikorrent fil-mertu, jeħtieġ li jitqiesu xi eċċezzjonijiet proċedurali (li għadhom m'humiex irtirati minn min qajjimhom);

Illi dawn l-eċċezzjonijiet jirreferu għall-kwestjoni ta' min imissu jkun il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent u dwar jekk il-ġudizzju huwiex sħiħ. Fil-każ partikolari, l-intimati Onorevoli Prim'Ministru u l-Avukat Ġenerali jgħidu li jmisshom jinħelsu milli joqogħdu fil-kawża ladarba la għandhom is-setgħa li joħorġu liċenzi u ladarba huma ma kellhom bl-ebda mod x'jaqsmu mal-ġrajja li dwarhom jilminta r-rikorrent. Dwar dan huma jgħidu li hemm awtorita' oħra li tista' twieġeb għal għamilha skond l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u liema awtorita' hija diġa' parti fil-kawża. L-imsejħa fil-kawża wkoll tgħid li hija m'hix il-kontradittriċi leġittima ta' wħud mill-pretensjonijiet tar-rikorrent. Min-naħa l-oħra, l-intimati jgħidu li l-ġudizzju m'huwiex sħiħ;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-*locus standi* tal-intimati Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali f'din il-kawża**, l-intimati jisħqu[19] li għall-ilmenti mressqa mir-rikorrent huma m'għandhom x'jaqsmu xejn u li dawk l-ilmenti jistgħu jwieġbu għalihom uħud mill-intimati l-oħrajn. Ir-rikorrent ma indirizzax din l-eċċezzjoni fis-sottomissjonijiet tiegħu; Illi din il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija tajba fil-każ li għandha quddiemha. Bla ma din il-Qorti toqgħod ittenni fit-tul ħafna

[18] Xhieda tiegħu 13.1.2011, f'paġ. 34 tal-proċess
[19] Paġ. 149 tal-proċess

konsiderazzjonijiet dottrinali, tgħid biss li illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[20]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi jekk wieħed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrent f'din il-kawża, wieħed isib li, bi tħaddim ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, għall-ilmenti tiegħu ma għandhom iwieġbu xejn iż-żewġ intimati li qajmu din l-eċċezzjoni. Minbarra dan, bis-sejħa fil-kawża ta' ADT, kull min jista' b'xi mod iwieġeb għall-imsemmija lmenti llum qiegħed parti fil-kawża u b'hekk, f'każ li t-talbiet tar-rikorrent jintlaqgħu, se' jkun hemm min din is-sentenza tkun torbtu;

Illi għalhekk il-Qorti qiegħda tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża dwar jekk hijiex il-kontradittriċi leġittima** tal-pretensjonijiet tar-rikorrent, il-Qorti ma ssibx li hija tajba. Dan għaliex ADT tgħid li din l-eċċezzjoni qiegħda tressaqha biss fir-rigward ta' waħda mill-pretensjonijiet tar-rikorrent (jiġifieri dik li titkellem dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu f'dak li jirrigwarda l-ftehim milħuq f'Lulju tal-2008). Dan ifisser li, dwar il-pretensjonijiet l-oħrajn, ADT ma tqanqalx il-kwestjoni tan-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva. F'każ bħal dan, allura, l-Qorti ma tistax tgħid li ADT m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-

[20] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

azzjoni tar-rikorrent u anqas u anqas tista' teħlisha milli tibqa' fil-kawża. Dan jingħad lil hinn mill-fatt li ADT kienet waħda mill-firmatarji tal-imsemmi ftehim;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ADT jmissha tibqa' fil-kawża u li l-eċċezzjoni tagħha m'hijiex mistħoqqa;

Illi **dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati** jingħad biss li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru dwar l-eċċezzjoni preliminari l-oħra, ladarba l-intimati bejniethom jew min minnhom huma l-persuni li jridu jwieġbu għall-pretensjonijiet tar-rikorrent u ladarba l-Qorti ipprovdiet ukoll għad-sejħa fil-kawża ta' ADT, il-ġudizzju huwa sħiħ;

Illi għalhekk it-tielet eċċezzjoni preliminari m'hijiex tajba u mhix sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti sejra issa tqis l-**ilmenti tar-rikorrent fil-mertu**. Kif ingħad, ir-rikorrent jgħid li ġarrab ksur ta' żewġ jeddijiet fundamentali: dak dwar it-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu u l-ħarsien miċ-ċaħda minn ħwejġu mingħajr kumpens xieraq (artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni) u l-jedd ta' ħarsien minn diskriminazzjoni (artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni). Il-Qorti sejra tqis dawn iż-żewġ ilmenti wara xulxin f'din l-ordni, għalkemm irid jingħad li l-ilmenti jorbtu sewwa l-wieħed mal-ieħor;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-jedd ta' tgawdija tal-ġid u possedimenti** r-rikorrent iqis li l-fatt li ntalab li jħallas taxxa ta' reġistrazzjoni (huwa jsejħilha "dazju") biex sata' daħħal f'Malta żewġ karrijiet biex sata' jaħdem bihom fin-negozju tiegħu, kien ifisser ksur tal-jedd li jgawdi ħwejġu bla ndħil u li l-imsemmi ħlas huwa ndħil mhux proporzjonat mal-jedd ta' tgawdija fuq ħwejġu. Dwar dan, ADT tissottometti li r-rikorrent qiegħed iwessa' l-parametri tal-azzjoni tiegħu minn dawk li kienu meta ressaq ir-rikors promotur;

Illi l-Qorti tqis li huwa minnu li meta fetaħ il-kawża, r-rikorrent semma dejjem il-kwestjoni ta' dazju. Ħareġ ċar

mill-provi wkoll li l-ebda dazju qatt ma ntalab mingħand ir-rikorrent dwar l-imsemmija żewġ karrijiet u dan għaliex meta nġabu Malta dawn kienu nġabu ġodda minn pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropeja u għaldaqstant ma kienu suġġetti għall-ebda dazju. Mill-provi mressqa, saħansitra mir-rikorrent innifsu, l-ħlas li ntalab dwar iż-żewġ karrijiet li ġab f'April tal-2005 kien taxxa ta' reġistrazzjoni (naturalment, minbarra l-ħlas ta' prezzhom u taxxa dwar il-Valur Miżjud);

Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, fil-partijiet li jistgħu jkunu rilevanti għall-każ tal-lum, jipprovdi li:

"*(1) Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist – (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq; (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjeta' u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta. ....*

*(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' – (a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet; ...*";

Illi mill-kliem tal-artiklu tal-Kostituzzjoni jidher li jitkellmu dwar it-**teħid** ta' pussess b'mod obbligatorju u mhux dwar xi għamla oħra ta' tnaqqis tal-istess pussess. Kif ingħad f'dan ir-rigward u bi tqabbil mal-ħarsien li jagħti l-artikolu relattiv taħt il-Konvenzjoni, dan ifisser li biex ikun hemm tneħħija jew privazzjoni tal-proprjeta' jeħtieġ jintwera li din tkun seħħet b'effett dirett ta' xi għamil tal-Istat u li ma jkunx biżżejjed li jkun hemm indħil jew ċaħda tad-dritt tad-

dgawdija paċifika tal-istess proprjeta' bħala rifless ta' għamil bħal dak[21];

Illi, minbarra dan, il-qafas ta' ċirkostanzi kollha li r-rikorrent isemmi fir-rikors promotur tiegħu jaqgħu fl-ambitu ta' proċeduri meħuda u mibdija taħt liġi li l-għan tagħha huwa sewwasew il-ġbir u l-ħlas ta' taxxa. F'każ bħal dan, u sakemm ma jintweriex li dak li ntalab jew ittieħed mingħand ir-rikorrenti ma kienx tassew imħares b'dispożizzjoni ta' liġi, jidħol fis-seħħ dak li jgħid l-artikolu 37(2)(a) tal-Kostituzzjoni u għalhekk f'każ bħal dan, wieħed ma jistax jitkellem aktar dwar ksur tal-artikolu 37(1);

Illi meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti u qabblithom mal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma wrihiex li tassew ġarrab xi ksur ta' l-jedd tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis l-ilment tar-rikorrent taħt l-artikolu relattiv tal-Konvenzjoni. Huwa jistrieħ fuq l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni li jipprovdi li:

"*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

"*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha) u mhux biss il-

[21] Kost. **30.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff et vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.206**) u Kost. **30.11.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**)

ħarsien mit-teħid ta' pussess kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Huwa minħabba f'hekk li, kif qalet aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-applikabilita' tal-artikolu taħt il-Konvenzjoni huwa usa' minn dak taħt il-Kostituzzjoni;

Illi ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' sempliċi proprjeta'. Kemm hu hekk "*the word 'possessions' ... indicates that a wide range of proprietal interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions.* ***The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest***"[22];

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet mirquma tiegħu, r-rikorrent fisser dan kollu w iżjed minn hekk ukoll. Dak li huwa meħtieġ hu li jintwera kif bil-ħlas tal-imposta mitluba lilu mill-awtoritajiet, jista' jgħid li ġarrab ksur ta' dan il-jedd imħares mill-Konvenzjoni;

Illi ta' min jgħid li l-imsemmi artikolu jirreferi għall-**interess** pubbliku jew ġenerali, u mhux għas-**skop** pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol u jħoll u jorbot jekk għamil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali[23]. Il-kejl biex jitqies jekk tali interess pubbliku jew ġenerali jinstabx huwa dak li jqis jekk f'għamil partikolari joħroġx il-"*fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1*"[24];

Illi huwa stabilit li biex indħil fit-tgawdija tal-ġid ta' persuna jkun ġustifikat fl-interess ġenerali, irid jintwera li hemm utilita' konkreta għal dak l-indħil, u mhux sempliċi ipotesi

---

[22] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit*, paġġ. 517

[23] Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246**) (kawża dwar esproprju ta' post biex jintuża bħala banka tal-lottu)

[24] ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik.Nru. 7151/75), § 69

ta' bżonn jew aspirazzjoni[25]. Minbarra dan, l-interess ġenerali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna[26];

Illi huwa mgħallem li, għall-finijiet ta' l-artikolu 1, "*there will be deprivation of property only where all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. ... In the absence of a formal extinction of the owner's right, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a 'deprivation' for the purposes of Article 1/2.* De facto *takings are generally understood to occur when the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title*."[27] Minbarra dan, huwa aċċettat li s-setgħa tal-Istat li jindaħal biex b'liġi jikkontrolla l-użu tal-ġid taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem tibqa' l-ħtieġa li jintwera (mill-istess Stat) l-interess ġenerali u l-bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita'[28];

Illi huwa mgħallem ukoll li għal dak li jolqot l-aspett tat-taxxa fil-qafas tal-Konvenzjoni inkiteb li "*An individual's right to enjoyment of his property is accordingly subject to the State's right to assess, levy and enforce contributions by way of tax under the second paragraph of Art. 1 of the First Protocol. The provision is to be interpreted in the light of the underlying principle in the first sentence of the first paragraph ... namely to achieve a fair balance between the general interest of the community and the protection of the fundamental rights of the individual. ... the imposition of tax would not generally be incompatible with Art. 1 of Protocol No. 1 unless it amounted to a* ***de facto*** *confiscation of some part of the taxpayer's possession. ... Measures taken to ensure the payment of taxes, or prevent defaulting are generally found compatible with the second paragraph. Consideration is given to whether the measure is of such a kind that it can*

---

[25] Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[26] Kost. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet***
[27] Harris, O'Boyle & Warbrick *Op. Cit.* , paġġ. 527-8
[28] Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de' Petri Testaferrata Boniċi Ghaxaq vs L-Avukat Ġenerali et***

*reasonably be considered as necessary for the purpose and whether its application is grossly disproportionate*"[29];

Illi ATD tissottometti li, lil hinn mill-fatt li r-rikorrent ma ħallas l-ebda dazju (u għalhekk ma kien hemm l-ebda bażi għall-ilment tiegħu taħt dan l-artikolu tal-Konvenzjoni), dak li r-rikorrent intalab iħallas ma neħħielu bl-ebda mod il-pussess tal-karrijiet. Għall-kuntrarju, bil-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni r-rikorrent ingħata pussess ta' ħaġa li biha sata' jibda jmexxi kummerċ għal rasu li qabel ma kellux[30]. L-intimati jżidu jgħidu li t-taxxa mħallsa mir-rikorrent kienet taxxa stabilita b'liġi u kienet magħrufa mill-istess rikorrent sa minn qabel ma qatagħha li jġib iż-żewġ karrijiet f'Malta;

Illi wara li qieset dawn il-fatti, sottomissjonijiet u kunsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent naqas ukoll li juriha li huwa ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu relattiv tal-Konvenzjoni;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tad-dritt li ma jkunx diskriminat** ir-rikorrent iqis li meta sar il-ftehim tas-16 ta' Lulju, 2008, u tħalla barra minnu, huwa b'hekk ingħata trattament differenti minn dak li ngħata ħaddieħor li kien fl-istess qagħda tiegħu. Il-Qorti sejra tqis l-ilment taħt iż-żewġ dispożizzjonijiet flimkien, minkejja d-differenzi li l-istess żewġ dispożizzjonijiet joffru fit-tħaddim u t-tifsir tagħhom[31];

Illi fl-artikolu 45 il-Kostituzzjoni tgħid li l-ebda liġi m'għandha tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha[32]. Daqstant ieħor tgħid li ħadd m'għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita' pubblika[33]. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jingħata lil persuni differenti u li jkun attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni

[29] Reid <u>*A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*</u> (3rd Edit, 2008), §§ IIB – 404, 407, f'paġġ. 566 – 8
[30] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 137 – 8 tal-proċess
[31] Kost. **18.7.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Anne Miller pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et***
[32] Art 45(1)
[33] Art. 45(2)

tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn[34]. Tgħid ukoll li l-ebda diskrezzjoni dwar għamil, tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proċeduri ċivili jew kriminali f'xi qorti li xi persuna jkollha skond il-Kostituzzjoni nfisha jew xi liġi oħra ma titqies li tmur kontra l-jedd li dik il-persuna ma ġġarrabx diskriminazzjoni[35];

Illi fl-artikolu 14, il-Konvenzjoni trid li t-tgawdija tad-drittijiet u tal-libertajiet kontemplati fiha tkun assigurata bla diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew *status* ieħor;

Illi meta l-Qorti tistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[36]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[37];

---

[34] Art. 45(3)
[35] Art. 45(8)
[36] Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177
[37] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 465 – 6

Illi illum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[38];

Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[39];

[38] Q.E.D.B. **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161
[39] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet

Illi, kif rajna, r-rikorrent jibni l-ilment tiegħu fuq il-fatt li huwa la kien imdaħħal fil-ftehim li ntlaħaq bejn il-Gvern, ADT u l-Assoċjazzjoni u lanqas ibbenefika miegħu. Huwa jgħid ukoll li waqt li hu ntalab iħallas "dazju" biex tħalla jdaħħal f'Malta ż-żewġ karrijiet fl-2005, ħaddieħor ma ntalabx iħallas bħalu. F'dan ir-rigward ukoll, ir-rikorrent ressaq bosta sottomissjonijiet studjati u tajbin biex ifisser il-qafas tal-artikoli relativi, u jżid jgħid li minħabba fit-trattament li ngħata, huwa "sofra inkonvenjent u disturb gravi"[40];

Illi huwa prinċipju aċċettat li, f'każi ta' allegata diskriminazzjoni, jaqa' fuq il-persuna li tallegaha l-piż li jipprova kemm l-eżistenza ta' "tikketta" li minħabba fiha ngħata trattament differenti, u kif ukoll li kienet tassew tali "tikketta" li nisslet dak it-trattament differenti[41];

Illi kemm l-intimati u kif ukoll ADT jiċħdu bil-qawwa li saret xi diskriminazzjoni mar-rikorrent. Huma jisħqu li r-rikorrent la ġab prova dwar min kienu l-persuni l-oħrajn li ngħataw trattament differenti minnu u wisq anqas li huwa wera li, jekk tassew kien hemm ħaddieħor, dawn kienu fl-istess qagħda li tixxiebah ma' tiegħu;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li r-raġuni miġjuba 'l quddiem mir-rikorrent biex ressaq l-ilment dwarha ma taqa' taħt l-ebda kategorija minn dawk iċ-ċirkostanzi preskritti u tassattivi msemmija fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Għal dak li jirrigwarda l-artikolu relattiv tal-Konvenzjoni, minħabba li l-jedd ma għandux eżistenza awtonoma, il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti jridu tabilfors jintrabtu mal-jedd "sostantiv" li dwaru bena l-azzjoni tiegħu, f'dan il-każ il-jedd imħares taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Il-fatt waħdu li l-Qorti ma sabitx ksur tal-imsemmi artikolu ma jfissirx li jkollha tiċħad it-talba għal sejbien ta' ksur tal-jedd li ma jkunx diskriminat. Min-naħa l-oħra, l-Qorti hija marbuta mat-talbiet li sarulha u ma tistax tgħarbel dan l-ilment taħt xi jedd ieħor. Dan qiegħed jingħad għaliex, fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent ittratta l-kwestjoni tal-ksur tal-jedd li ma jkunx diskriminat kemm taħt l-artikolu

40 Paġ. 126 tal-proċess
41 Harris, O'Boyle & Warbrick *Op. Cit.*, paġġ. 472 – 3

14 tal-Konvenzjoni, iżda żied ukoll sottomissjonijiet dwar l-artikolu 11 (li jitkellem dwar il-jedd tal-assoċjazzjoni ħielsa) u l-artikolu 1 tat-Tnax-il Protokoll (dritt ġenerali kontra d-diskriminazzjoni);

Illi l-Qorti ttenni li hija għandha tqis biss l-ilmenti tar-rikorrent li huwa semma fir-rikors promotur tiegħu u ma tqisx li huwa xieraq li, f'nota ta' sottomissjonijiet tal-għeluq u wara li jkunu ngħalqu l-provi, jiddaħħlu talbiet jew pretensjonijiet oħrajn fis-sura ta' sottomissjonijiet li jiftħu mill-ġdid it-trattazzjoni tal-każ fil-mertu. Għalhekk, il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrent biss taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

Illi meta tqiegħed iċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ li għandha quddiemha fil-qafas tal-konsiderazzjonijiet ta' dritt li ssemmew qabel, hija tqis li r-rikorrent naqas li b'xi mod jipprova li kien il-vittma ta' trattament diskriminatorju. Fost il-konsiderazzjonijiet ewlenin li għalihom waslet għal din il-fehma ssemmi, fl-ewwel lok, li l-imposta li minnha jilminta r-rikorrent intalbet u tħallset minn snin qabel ma sar il-ftehim tas-16 ta' Lulju, 2008 (aktar 'il quddiem imsejjaħ"il-Ftehim"), u l-ilmenti tiegħu kien ilu jressaqhom sa mill-2007. Għalhekk, f'dan ir-rigward, il-Ftehim ma ħalaqlu l-ebda trattament differenti. Fit-tieni lok, il-Ftehim intlaħaq mal-Assoċjazzjoni li r-rikorrent, b'għażla tiegħu, ma kienx imsieħeb fiha. Dan ifisser li dawk li kienu fl-Assoċjazzjoni u r-rikorrent ma kenux fl-istess qagħda paragonabbli. Fit-tielet lok, il-Ftehim intlaħaq minħabba li l-Assoċjazzjoni kienet kontra l-liberaliżżazzjoni tas-suq tal-ġarr tal-mejtin u fil-kors ta' azzjoni li ttieħdet kontra l-politika tal-Gvern tal-ġurnata li jmexxi tali liberaliżżazzjoni fil-qasam tat-trasport pubbliku kollu. Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent ma kienx fl-istess ilma tal-imsieħbin tal-imsemmija Assoċjazzjoni; għall-kuntrarju, huwa kien ilu jħabrek biex is-suq jinfetaħ u ma satax kien ukoll kontra l-imsemmija politika, ladarba din kienet il-garanzija li huwa sata' jarma bl-istess negozju bla aktar xkiel. Fir-raba' lok, il-Ftehim ma jgħid imkien li l-imsieħbin tal-Assoċjazzjoni kienu ser jingħataw eżenzjoni jew jinħelsu milli jħallsu t-taxxa tar-reġistrazzjoni jekk kemm-il darba jġibu f'Malta karrijiet bħalma ġab ir-rikorrent. Il-Ftehim kien jorbot biss lil ADT li ma toħroġx

(għal għaxar snin) liċenzi ta' karrijiet użati ("*second hand*"). Fil-ħames lok, ir-rikorrent ma weriex li fl-istess żmien li huwa ġab f'Malta l-karrijiet li fuqhom intalab iħallas it-taxxa tar-reġistrazzjoni, ħaddieħor ġab f'Malta karrijiet ukoll u ma ntalabx iħallas taxxa bħal dik. Fis-sitt lok, fiż-żmien meta r-rikorrent ingħata l-liċenza biex jaħdem biż-żewġ karrijiet li ġab fl-2005, il-liġi kienet titlob il-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni minn kulħadd. Fis-seba' lok, meta l-liġi nbidlet fl-2007 (bl-Att XXXII ta' dik is-sena, u jiġifieri qabel ma sar il-Ftehim) u tat żmien ta' sentejn bħala "*moratorium*" biex min iġib f'Malta karrijiet ġodda bħal dawk ma jħallas l-ebda taxxa ta' reġistrazzjoni, l-istess rikorrent, bħal kulħadd ieħor, inqeda minn dak il-benefiċċju tant li daħħal f'Malta erba' karrijiet oħrajn bla ma ntalab iħallas taxxa bħal dik;

Illi b'dawn iċ-ċirkostanzi kollha r-rikorrent ma seħħlux juri lill-Qorti li huwa tassew ġarrab ksur tal-jedd li ma jkunx diskriminat, u għalhekk it-talba tiegħu lanqas dwar dan l-ilment m'hi sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali u teħlishom milli jibqgħu fil-kawża;

**Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari** tal-Awtorita' msejħa fil-kawża u ssib li hija kontradittriċi leġittima tal-azzjoni tar-rikorrent;

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-intimati l-oħrajn, u ssib li l-ġudizzju huwa sħiħ;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** għaliex m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u billi ma jirriżultax li r-rikorrent ġarrab xi ksur ta' jedd fundamentali tiegħu la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi ma hemm l-ebda provvediment x'tieħu u l-ebda rimedju x'tagħti lir-rikorrent fid-dawl tal-premess; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------